# Il-Labtu tal-Karmnu



"...Min imut bih (bil-Labtu) fuqu jinħeles mit-telfien ta' dejjem..."

Id-devozzjoni lejn il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu hija waħda mid-devozzjonijiet Marjani ewlenin ta' Dun Ġorġ Preca. Jista' jkun li din id-devozzjoni twieldet fih billi huwa twieled daqshekk qrib is-Santwarju tagħha fil-Belt Valletta, u huwa baqa' jħares il-jum tagħha tas-16 ta' Lulju. Forsi wkoll billi kien dak in-nhar li fi tfulitu huwa kien ser jegħreq taħt il-Barrakka t'isfel u kien salvah Mikiel il-barklor. Dawn jidhru fatturi kemxejn aċċidentali, imma tajjeb li nsemmu li ħafna devozzjonijiet qaddisa jafu l-bidu tagħhom minn ċirkustanzi ambjentali bħal dawn.

Dun Ġorġ inkiteb terzjarju Karmelitan, bl-isem ta' Franco, f'Lulju 1918. Huwa għamel obbligatorju għas-soċji tiegħu li jkunu miktubin u jġibu dejjem fuqhom il-labtu (Regolament nru. 640) u fir-Regolament nru. 453 ħalla miktub li dawk inkarigati mis-Sajdiet Museumini "għandhom iħabirku li jiktbu fil-Labtu tal-Karmnu lil dawk kollha li jieħdu sehem fis-Sajda." Kien iħobb itenni kliem il-Madonna, skond tradizzjoni antika, lil San Xmun Stock: "...Min imut bih (bil-Labtu) fuqu jinħeles mit-telfien ta' dejjem..." u li: "Dawk kollha li jkunu mietu bil-Labtu tiegħi fuqhom, jiena fl-ewwel Sibt li jiġi fuq mewthom, neħlishom mill-Purgatorju." (*Karta Manwali*).

Għal nhar is-16 ta' Lujlu, Dun Ġorġ għamel Programm Speċjali ta' qima lil Marija, u Programm ieħor – il-Programm tal-Virtujiet – għall-Ħadd ta' wara. Dan il-programm, skond John Formosa, għandna ngħaqqduh mad-devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn il-Labtu: il-veru labtu m'huwiex ħlief li nilbsu l-virtujiet ta' Marija, libsa spiritwali aktar milli libsa materjali.



*Festa tal-Karmnu fis-Santwarju ta' Birkirkara, Lulju 2007*





*Festa tal-Karmnu fil-Bażilika/Santwarju Madonna tal-Karmnu, Valletta*


# FUNERAL SERVICES
## TO FIT EVERY BUDGET

*we are sensitive to the needs & wishes of every individual.*

**50 years of experience**

- Local and overseas funeral directions
- Motor hearse service & chauffeur driven cars
- Service 24hrs a day, 7 days a week
- A-Z for funeral services, including flowers, holy pictures, etc

tel: 2133 9579 • mob: 9949 0846

**Michelle Colombo**
*daughter of Victor Galea*

Sacristan of the Parish of St Gregory Sliema
Villina Pat, 43, Blanche Huber Street, Sliema